



Brussell, 16 ta' Jannar 2026

CM 1243/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0229(NLE)

---

---

RECH  
COMPET  
IND  
PROCED

**KOMUNIKAZZJONI**

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

---

Kuntatt: research@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32 2 281 6896

---

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488**  
- TMIEM tal-proċedura bil-miktub

---

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, li nbdiel bid-dokument CM 1148/26 tal-15 ta' Jannar 2026 intemmet fis-16 ta' Jannar 2026 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur l-adozzjoni tar-*REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488*, kif jinsab fid-dokument 16311/1/25 REV 1 (en).

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill ta' hawn fuq huwa adottat.

Id-dikjarazzjoni minn Franza, il-Polonja, l-Awstrija, id-Danimarka, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Litwanja, Spanja, in-Netherlands u l-Iżvezja hija riprodotta fl-Anness ta' dan is-CM.

Id-dikjarazzjoni ta' hawn fuq ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

---

**Dikjarazzjoni minn Franza, il-Polonja, l-Awstrija, id-Danimarka, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Litwanja, Spanja, in-Netherlands u l-Iżvezja**

**Intennu l-impenn sħiħ tagħna għall-inizjattiva tal-Gigafabbriki tal-IA**, li tirrappreżenta stadju importanti ħafna fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-IA fl-Ewropa. Huwa speċifikament għal din ir-raġuni li m'għandniex l-intenzjoni li nxejnkli l-adozzjoni tar-regolament, iżda pjuttost li **nimpenjaw ruħna b'mod kostruttiv biex niżguraw li l-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati qabel it-tnedija tas-sejħa għal proposti.**

Huwa f'dan l-ispirtu li nixtiequ nenfasizzaw it-tħassib tagħna dwar diversi kwistjonijiet kritiċi. Sabiex tiġi ggarantita approvazzjoni sħiħa fl-istadji li ġejjin, **huwa essenzjali li jiġu riflessi biżżejjed ċarezza, robustezza legali, u kunsiderazzjoni komprensiva tal-interessi u l-involviment tal-Istati Membri.**

**Iċ-ċarezza u r-robustezza legali tal-elementi** pprovduti mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolament, bħan-noti tekniċi, jibqgħu kawża ta' tħassib, b'mod partikolari peress li l-Istati Membri mistennija jagħmlu impenji vinkolanti fi żmien ftit ġimgħat. Barra minn hekk, l-abbozzi ta' testi legali li ser jinvolvu impenji vinkolanti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-abbozz ta' Ftehim ta' Akkwist Konġunt, l-abbozz ta' Sejħa, u l-abbozz ta' Ftehim ta' Hosting, sal-lum għadhom ma ġewx kondiviżi mal-Istati Membri.

Filwaqt li huma impenjati għall-iskeda ta' żmien ambizzjużi ġenerali għat-twettiq tal-Gigafabbrika tal-IA, l-Istati Membri għandhom bżonn biżżejjed żmien biex jevalwaw dawn it-testi u biex jiżguraw li l-Gigafabbrika li għalihom l-Istati Membri jieħdu impenji vinkolanti jinkorporaw kif xieraq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' sigurtà rilevanti għalihom kif ukoll it-termini ta' finanzjament preferuti tagħhom.